MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 371/2004

**Maltacom plc (C-22334)**

**vs**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti fejn gie premess :-

Illi l-kawza fl-ismijiet "Maltacom plc kontra Joseph Zammit" (Cit Nru 283/93 GV) giet deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 1995 u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm1271.64 (elf mitejn u sebghin lira Maltija u erba' u sittin

centezmu ) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 225352 li kien installat fil-fond numru 93, St John Street, Valletta bl-imghax u bl-ispejjez;

Illi is-socjeta rikorrenti illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikata, oltre Lm127.46 (mija sebgha u ghoxrin liri maltin u sitta u erbghin centezmu ) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm932.54 (disgha mija u tnejn u tletin liri maltin u erbgha u hamsin cetezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-seponenti huwa ta' Lm2331.64 (elfejn, tlett mija wiehed u tletin liri maltin u erbgha u sittin cetezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) tal-Ligijiet ta' Malta, talbet li dina l-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-intimat naqas li jidher u naqas li joppresenta risposta;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April 2005;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet tas-socjeta rikorrenti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u tawtorizza lill-istess socjeta rikorrenti li tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet “Maltacom plc kontra Joseph Zammit” (Cit Nru 283/93 GV) deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-27 ta’ Frar 1995;

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------